Azzjoni Kattolika Maltija (Malta Catholic Action)
Istitut Kattoliku Floriana FRN 1441
Tel 21222239 – 21237031
infosheet@akmalta.org
www.akmalta.org

**MARZU 2009** **NUMRU 241**

# MADWARNA

*'U jekk ma jogħġobkomx taqdu lill-Mulej, għażlu llum lil min tridu taqdu …. Imma jien u dari se naqdu lill-Mulej" (Ġoż 24, 15).*

Hekk spiċċaw l-ittra pastorali tar-Randan l-Isqfijiet tagħna. Aħna ilna li ħadna d-deċiżjoni lil min irridu naqdu. Din l-ittra pastorali għalina hija stedina biex insaħħu r-rieda tagħna ħalli nwettqu x-xogħol li Alla għażel għalina, jiġifieri li nevanġelizzaw l-ambjent ta' madwarna, kulħadd bil mod tiegħu u permezz tal-kariżmi li taħ Alla.

L-Isqfijiet jispeċifikaw bl-eżatt kif nistgħu nagħmlu dan. Jgħidulna '*'Aħna nistiednu lil kulħadd (aħseb u ara lilna) biex nimxu fuq l-eżempju tal-Appostlu Missierna u fuq it-twissijiet tiegħu biex bil-ħajja tagħna nwasslu messaġġ lil kultura ta' żmienna li t-tagħlim ta' Kristu bil-valuri tiegħu huwa t-triq li twassal għall-ħarsien tassew tal-ġid komuni fejn kulħadd jista' jasal biex ħajtu jkollha sens sħiħ."*

Din ma hix ħaġa faċli fid-dinja tal-llum. Imma bl-għajnuna ta' Alla '*ma għandniex niddejqu u nibżgħu li nkunu differenti minn ħaddieħor*.'

**Irtir.** Numru sabiħ ta' rġiel u nisa se jattendu l-irtir ta' l-ewwel *weekend* tar-Randan tant li darba oħra se nippruvaw insibu post li jesgħa aktar nies. Hi drawwa sabiħa ħafna li matul ir-Randan infittxu li nagħtu ħarsa lejn il-ħajja spiritwali tagħna permezz ta' irtir jew ta' eżerċizzi spiritwali. Nawguralkom żmien ta' tiġdid spiritwali bi preparazzjoni għal Għid.

**Il-Ħadd 8 ta' Frar**. Fl-okkażjoni tal-Festa Nazzjonali tan-Nawfraġju ta' San Pawl, il-Knisja organizzat il-Mixja Pawlina fil-Belt. Mixja, għaliex min daħal il-Belt setgħa jimxi minn Knisja għal oħra fejn kienet qegħda ssir katekeżi dwar is-seba' ittri ta' San Pawl lil komunitajiet Insara. Kull Knisja ppreparat preżentazzjoni varjata u t-tagħlim kien profond. Kien hemm ħafna mill-membri tagħna. Imma n-nies qegħdin jonqsu minn dawn l-attivitajiet. Tgħid kulħadd ta sehemu biex iħajjar kemm jista' jkun membri jieħdu parti?
**Iż-ŻAK reġgħu għamluha** għaliex ġew innominati mill-Kummissjoni Nazzjonali għall-Promozzjoni ta' l-ugwaljanza bħala l-aktar għaqda non-governattiva li tippromovi l-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ u li tagħti vuċi liż-żagħżagħ fis-soċjeta'. Intqal ukoll li ż-ŻAK tagħti opportunità biex iż-żagħżagħ jiżviluppaw il-ħiliet tagħhom b'mod speċjali dak ta' *leadership*. Dan wara li ħadu sehem fi proġett li sar bejn Malta, Ċipru, l-Irlanda u l-Afrika. Nifirħulhom. Nirringrazzjaw lil Alla għal dak li qiegħed jagħmel magħhom.
**Joyce Pullicino, President Ġenerali**

## ĠRANET LI FIHOM L-ISTITUT KATTOLIKU MA JIFTAĦX

| | |
|---|---|
| 03 ta' April 2009 | Duluri. Jagħlaq fis-13:00. |
| 09 ta' April 2009 | Ħamis ix-Xirka. Jagħlaq fis-13:00. |
| 10 ta' April 2009 | Ġimgħa l-Kbira. Ma jiftaħ xejn. |
| 11 ta' April 2009 | Sibt il-Għid. Ma jiftaħ xejn. |
| 13 ta' April 2009 | *Easter Monday*. Ma jiftaħ xejn. |

## Attivitajiet għax-Xahar ta' Marzu 2009

| | | |
|---|---|---|
| 1 ta' Marzu | Fergħa Rġiel | Irtir mid-9:00. sa 11:45. fil-Knisja tal-Vitorja, Valletta. |
| | Ż.A.K. | Ftuħ tal-proġett 'Inseġ għanqbuta ta' Kulur' organizzat minn ŻAK Ħal Tarxien. Dan il-proġett se jdum għaddej diversi xhur. |
| 2 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Eżerċizzi Romol taċ-Ċirkoli kollha |
| 3 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Eżerċizzi Romol taċ-Ċirkoli kollha |
| 4 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Eżerċizzi Romol taċ-Ċirkoli kollha |
| 5 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |
| 6 ta' Marzu | Fergħa Nisa | World Day of Prayer – Ċirkoli kollha Knisja ta' Sarria, Floriana Ħin : 10:30 – 11:30. |
| 8 ta' Marzu | Ż.A.K. | Support Group fl-10:00 l-Iklin. |
| 11 ta' Marzu | Kumm. Ħidma Morda | Laqgħa tal-Kummissjoni fis-18:00. Istitut Kattoliku, Floriana |
| | Moviment Għalliema | Kors ta' Spiritwalità La Saljana fil-17:30. |
| 13 ta' Marzu | Direttorju | Laqgħa fis-18:00. Istitut Kattoliku, Floriana |
| 13-15 ta' Marzu | Ż.A.K. | Irtir għall-membri ta' 16 il-sena 'l fuq |
| 16 ta' Marzu | Fergħa Rġiel | Laqgħa fil-17:30. Istitut Kattoliku, Floriana |
| 18 ta' Marzu | Fergħa Nisa | Laqgħa Formattiva – Kunsill u Kummissjoni Romol |
| | Moviment Għalliema | Laqgħa tal-Kunsill fil-17:30. |
| 26 ta' Marzu | Friegħi kollha | Skola ta' l-Appostolat f'Sala Mons Gonzi, Istitut Kattoliku, Floriana, fid-9:30. |
| 27 ta' Marzu | Direttorju | Laqgħa fis-18:00. Istitut Kattoliku, Floriana |
| 29 ta' Marzu | Fergħa Xebbiet | Irtir Ċentrali (Dettalji jingħataw f'ċirkulari) |
| 2 ta' April | Fergħa Nisa | Kunsill Ċentrali fid-9:30. |
| | Fergħa Xebbiet | Kunsill Ċentrali fis-18:00. |

## *Adorazzjoni Għal Vokazzjonijiet*

Fis-Seminarju tal-Virtù Rabat, kull l-ewwel Ħamis tax-xahar, qegħda tiġi organizzata ġurnata ta' talb quddiem Ġesu' Sagramentat bis-sehem ta' diversi gruppi minn madwar Malta. Għall-Azzjoni Kattolika ġie allokat il-ħin bejn il-17:30. u s-18:30. L-iskop huwa li nitolbu għall-Vokazzjonijiet saċerdotali u għall-ħajja kkonsagrata. Qegħdin nagħmlu sejħa liċ-Ċirkoli biex jagħżlu xi xahar partikolari li fih joffru li jmorru jgħaddu siegħa ma' Ġesu' Sagramentat.
Min jixtieq imur iċempel lil Mrs. C. Agius Delicata fuq tel:- 21238851.
Inħeġġu lil kull min jista' biex jattendi.

## Eżerċizzi Spiritwali Għar-Romol

**Il-Kummissjoni Romol tal-Fergħa Nisa ta' l-Azzjoni Kattolika qed torganizza tlett ijiem Eżerċizzi għar-Romol kollha fis-Sala Mons. Dandria, fl-Istitut Kattoliku Floriana, nhar it-Tnejn 2, it-Tlieta 3 u l-Erbgħa 4 ta' Marzu 2009. Nibdew bil-quddiesa fid-9:30. sal -11:00. L-Erbgħa wara l-quddiesa jkollna 'LUNCH', fl-Imperial Hotel, Sliema. Imexxi Fr Albert Buhagiar, Kappillan tas-Siġġiewi. Ir-Romol kollha huma mħeġġa li ma jitilfux din l-opportunita' spiritwali li qed joffrilhom il-Mulej.**

## KUMMISSJONI ĦIDMA GĦALL-MORDA U PERSUNI B'DIŻABILITÀ

***SOLIDARJETÀ*** Il- Programm 'Solidarjetà li jixxandar fuq Radju Malta kull nhar ta' Ħadd, fix-xahar ta' Marzu se jixxandar f'dawn id-dati :-1, 8, 15, 22 u 29 fis-19:15. u MHUX fit-20:30.

Ħadd il-Palm Il-Kummissjoni tagħna se torganizza l-Laqgħa Annwali għaż-żgħażagħ b'diżabilità fis-Sala tas-*Sacred Heart*, San Ġiljan*.* Tibda' b'quddiesa, tkompli b'riċeviment u b'divertiment.

---

## Fergħa Xebbiet Adulti

Marzu huwa x-xahar iddedikat lil San Ġużepp. Nitolbuh iħares lil Familja Maltija.

**--------------------**

## SEGRETARJAT ASSISTENZA SOĊJALI TA' L-AZZJONI KATTOLIKA

Ġimgħa ta' Saġrifiċċju 2009

3 – 10 ta' April

**'Qrib u Attenti Għan-Nies fil-Bżonn'**

Din hi t-tema magħżula għal ġimgħa ta' Saġrifiċċju organizzata kull sena mis-Segretarjat Assistenza Soċjali ta' l-Azzjoni Kattolika bl-approvazzjoni ta' l-Arċidjoċesi.

Il-membri ta' l-Azzjoni Kattolika huma mitluba jieħdu sehem b'mod attiv ħafna f'din l-attività li l-iskop tagħha huwa li jinxtered il-messaġġ tal-Mulej li nħobbu lil kulħadd b'attenzjoni partikolari lill-ħutna l-aktar fil-bżonn. Isir ukoll ġbir kemm fil-Knejjes kif ukoll permezz ta' appelli lill-benefatturi lid-Dipartimenti tal-Gvern u azjendi kummerċjali biex matul is-sena titwettaq ħidma proprju ma' familji fil-bżonn u persuni oħra li jeħtieġu attenzjoni partikulari bħal morda u anzjani.

Il-quddiem nagħtu aktar dettalji ta' din l-attivita'.



**SERVIZZ BIL-MINIBUSES**

**Nixtiequ nappellaw b'mod partikulari lil dawk il-Parroċċi li qatt s'issa ma għamlu użu minn dan is-servizz. Araw fil-Parroċċa fejn hemm anzjani li ma joħorġux minħabba l-Kundizzjoni tagħhom. Ibbukkjaw ħarġa biex huma wkoll iħossuhom parti mill-Komunità**

Ċemplu fuq 21226920 u ħallu MESSAĠĠ fuq l-*Answering Machine* u s-Sur Theuma jċempel lura hu stess jew fuq il-*Mobile* No: 99452768 (Joe Theuma Driver). F'każ ta' diffikultà ċemplu l-Uffiċċju SAS: 21220286 u agħmlu l-*booking* tagħkom

# SKOLA TA' L-APPOSTOLAT

Il-Ħamis 26 ta' Marzu 2009, fid-9:30

F'Sala Mons. Gonzi, Istitut Kattoliku,

Floriana

## MOVIMENT GĦALLIEMA KATTOLIĊI

Il-Moviment Għalliema Kattoliċi jwassal il-messaġġ tiegħu lill-iskejjel bis-saħħa ta' l-għalliema fl-iskejjel li jservu ta' rappreżentanti (*Contact Persons*) tal-Moviment. Hemm numru ta' skejjel fejn m'għandniex rappreżentant.

Qegħdin nippubblikaw lista ta' skejjel fejn m'għandniex rappreżentanti. Dan sabiex, jekk tkunu tistgħu, membri miċ-ċirkoli jikkuntatjaw lill-għalliema f'dawn l-iskejjel biex issibu lil xi ħadd dispost li jservi ta' rappreżentant tal-Moviment f'dik l-iskola.

Il-Lista ta' l-iskejjel fejn m'għandniex rappreżentanti:

**Skejjel Primarji Statali**

B'Kara B - B'Buġia B - Fgura B - Għargħur - Ħamrun Sch. Str - Lija – Mellieħa - Mtarfa – Naxxar - Paola C - Pembroke - Qrendi - Rabat B - San Ġiljan - Xgħajra - Żebbuġ B

**Skejjel Sekondarji Statali**

F.X. Attard - Marsa Sir Temi Zammit - (Mtarfa), Antonio Bosio (Gzira), Lorenzo Gafa - Fortini

**Skejjel Statali għat-Tfal Bi Bżonnijiet Speċjali**

| | |
|---|---|
| San Miguel - St Andrews | Mater Dei - Msida |
| Santa Marija - Ħamrun | St Luke's Hospital Classes - St Luke's |

**Skejjel tal-Knisja**

| | |
|---|---|
| Holy Family - B'Buġia | Immaculate Conception - Tarxien |
| MSSP – Rabat | St. Monica - B'Kara |
| St. Monica – Mosta | St. Monica - Qormi |
| Theresa Nuzzo – Marsa | St Francis – B'Kara |

**Skejjel Privati**

| | |
|---|---|
| New Ark - Swieqi | |
| Chiswick House - Kappara | Noddy's Primary - Sliema |
| Little Angels - Balzan | San Anton - Żebbiegħ |
| San Andrea - Żebbiegħ | St. Joseph - Qormi |
| St Catherine's - Pembroke | St Michael's Foundation -Pembroke |
| Thi Lakin - Attard | Verdala International - St Andrews |
| St Martin's Swatar | St Edward's College - Cottonera |

Għal aktar informazzjoni ċemplu fuq 21374466, 21247793.

------------------------

**Fergħa Rġiel** – Wirja tal-Mejda ta' l-Appostli fuq Stil oriġinali mwaqqfa mill-Membri ta' l-Azzjoni Kattolika Rġiel ġewwa l-Birgu fil-Lokalità tal-Youth Centre.

Ħinijiet tal-Wirja :

L-Erbgħa 1 ta' April mis-18:00. sat-20:00.
Il-Ħamis 2 ta' April mis-18:00. sat-20:00.
Il-Ġimgħa 3 ta' April (Jum id-Duluri) mis-18:00. sat-20:00.
Is-Sibt 4 ta' April mis-18:00. sat-20:00.
Il-Ħadd 5 ta' April (Ħadd il-Palm) mis-18:00. sat-20:00.
It-Tnejn 6 ta' April mill-10:00. sa 12:00 (għall-iskejjel)
Mis-18:00. sat-20:00.
It-Tlieta 7 ta' April mill-10:00. sa 12:00 (għall-iskejjel)
mis-18:00. sat-20:00.
L-Erbgħa 8 ta' April mill-10:00. sa 12:00 (għall-iskejjel)
Mis-18:00. sat-20:00.
Il-Ħamis 9 ta' April (Ħamis ix-Xirka) mill-10:00. sa 12:00
mill-17:00. sal-23:00.
Il-Ġimgħa 10 ta' April (il-Ġimgħa l-Kbira) mid-9:00 sas-13:00
mill-17:00. sad-21:00.

-------------------

## NOTA

**Dawk kollha li għadhom ma bagħtux ir-rendikont finanzjarju għas-sena 2008 huma mitluba jagħmlu dan mill-aktar fis possibbli.**

**Grazzi**

***Natalie Farrugia***

**Amministratur Ġenerali.**

## KUMMISSJONI FUNDRAISING

Wara s-suċċes li kellna fl-aħħar ikla, dik ta' l-Assistenti Ekkleżjastiċi fi Frar, saritilna domanda biex nerġgħu niltaqgħu flimkien.
Għalhekk sibna data biex nikkuntentaw lil kulħadd :
Il-Ħadd, 26 ta' April 2009.
ŻOMMU DIN ID-DATA LIBERA
GĦAL BUFFET TAL-FUND-RAISING
DETTALJI JITĦABBRU FIL-ĦARĠA
TA' L-INFORMATION SHEET TA' APRIL 2009
Nisperaw li jkollna attendenza numeruża.

## LIBRERIJA AZZJONI KATTOLIKA - FLORIANA



***Nixtiequ ninfurmawkom li fil-Librerija ta' l-Azzjoni Kattolika l-Floriana qed nagħtu s-servizz ta' BINDING. Il-prezz huwa ta' EUR 1 kull 12 il-paġna. Għalhekk inħeġġu lil membri kollha biex imexxu dan il-messaġġ u jagħmlu użu minn dan is-servizz ġdid.***

Wieħed isib ukoll:
Kull tip ta' kotba reliġjużi bil-Malti u bl-Ingliż – għall-kbar u għat-tfal, kotba ta' interess ġenerali, oġġetti reliġjużi – statwi, ikoni, santi, stationery, rigali u ħafna affarijiet oħra.

Issibu wkoll kemm 'cards' tal-'Vodafone' kif ukoll tal-'GO". Jistgħu jinxtraw ukoll 'Book Tokens' u 'Gift Vouchers'.

**Hinijiet tal-Ftuħ: Matul il-ġimgħa – mid-9:00 sa nofsinhar,**
**Mill-16:00 sas-19:30 u s-Sibt filgħodu biss.**



Tel: 21 237031

Għalhekk ixtri r-rigali tiegħek minn din il-Librerija u barra li tkun qed tagħti rigal mill-qalb tkun qed tgħin lil Azzjoni Kattolika Maltija fil-ħidma tagħha.